MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1560/2002

***Citadel Insurance plc kif surrogata fil-jeddijiet ta' Malta Maritime Authority sija bil-polza u sija bil-ligi***

***vs***

***Simon Tabone***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u hamsa u sittin liri Maltin u sebgha centezmi (Lm465.07c) rappresentanti danni mhallsa mis-socjeta' attrici fuq polza ta' assikurazzjoni wara incident stradali li sehh fis-6 ta' April 2000 fil-Marsa Industrial Estate A3, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni MMA 001 misjuqa minn Charles Duncan u proprjeta' tal-*Malta Maritime Authority* u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni SML 001 misjuqa minn Simon Tabone, ghal liema incident jahti unikament l-istess Simon Tabone.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Ottubru 2001 u dik prezentata kontestwalment kontra *Hayes Insurance Agency Limited* a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fit-22 ta' Lulju 2002 fejn huwa eccepixxa illi t-talbiet attrici qed jigu respinti fl-intier taghhom essendo infondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi l-incident in kwistjoni gara unikament tort ta' Charles Duncan, is-sewwieq tal-vettura assikurata mas-socjeta' attrici, u dana minhabba negligenza, traskuragini, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku. Illi inoltre l-ammont tad-danni reklamati huwa eccessiv.

Ra d-dokumenti esibiti mix-xhud Mark Axiaq rapprezentant tas-socjeta' attrici fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2002 fejn gew esibiti *motor vehicle damage assessment* report fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni MMA 001, illi huma mmarkati bhala Dokumenti MA2 u MA3, kontijiet u fatturi rigward hlasijiet ghat-tiswija tal-vettura assikurata mas-socjeta' attrici, liema dokumenti gew immarkati bhala Dokument MA4 sa MA8 fl-atti processwali, is-*subrogation form* immarkata bhala Dokument MA10, kif ukoll id-dikjarazzjoni *front to rear* tas-sewwieqa involuti fl-incident, immarkat bhala Dokument 11. Ra wkoll id-dokument esibit mill-konvenut u d-difensur tieghu mmarkati bhala Dokumenti MA 12 u MA 13 kif ukoll Dokument ST1 u ST2, konsistenti f'sett ta' korrispondenza skambjata bejn l-assikurazzjonijiet rispettivi tas-sewwieqa u skizz maghmul mill-konvenut dwar l-incident de quo.

Sema' x-xhieda ta' Mark Axiaq, Simon Tabone, Charles Duncan u George Briffa.

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti.

Ra n-nota esibita fil-15 ta' Ottubru 2002, mis-socjeta' attrici li permezz taghha hija ghamlet referenza ghal sett ta' decizjonijiet moghtija mill-Qrati Maltin in sostenn tat-talba taghha, liema sentenzi gew debitament esibiti fl-atti

processwali. Ra n-noti ta' l-osservazzjonijiet ipprezentati mill-kontendenti.

Ikkunsidra:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-incident sehh fi triq principali gewwa l-Marsa Industrial Estate meta l-konvenut intenta idur mit-triq principali ghal wahda sekondarja li kienet tinsab fuq il-lemin tieghu u sehhet il-kollizzjoni mal-vettura misjuqa minn Charles Duncan li kienet qed tinsaq warajh.

Illi rrizulta mill-provi illi l-pulizija ma ssejjhux fuq il-post ta' l-incident u li imtliet id-dikjarazzjoni *front to rear* mis-sewwieqa involuti fl-incident mertu ta' din il-kawza, liema dikjarazzjoni giet esibita u mmarkata bhala Dokument MA11.

Illi l-konvenut Simon Tabone xehed in subizzjoni u ta l-verzjoni tieghu ta' kif sehh l-incident. Huwa kkonferma d-dikjarazzjoni *front to rear* esibita bhala Dokument MA11 u gharaf il-firma tieghu fuq l-istess dokument. Il-konvenut kien qieghed isuq il-vettura tal-marka Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni SML001, indikata bl-ittra A fuq l-iskizz maghmul f'din id-dikjarazzjoni, gewwa il-Marsa Industrial Estate fi triq principali. Ighid illi huwa xeghel l-indicator biex idur ghal go triq sekondarja fl-istess industrial estate, meta f'daqqa wahda sema' brejk twil u l-vettura ta' Charles Duncan bin-numru ta' registrazzjoni MMA001, baqghet diehla fih.

Kif nizzlu mill-vetturi, Duncan mar fuqu biex jiskuza ruhu mieghu u qallu illi peress illi kellu x-xemx f'ghajnejh, ma kellux vizwali tajba tat-triq. Ghalkemm huwa xtaq li jingiebu il-pulizija tenut kont tal-fatt illi Duncan kellu hsarat konsiderevoli fil-vettura tieghu, izda Duncan qallu biex jimlew il-formola *front to rear* u ghalhekk hekk ghamlu meta din ingiebet lilhom wara ftit tal-hin minn xi nies li kienu jahdmu ma' Duncan. Ighid illi l-ispjegazzjoni moghtija minn Duncan dak in-nhar ta' l-incident kien illi huwa kien niezel fid-dritt u minhabba x-xemx ma setax

jara. Meta imbaghad lemah lill-konvenut kien tard wisq, zamm il-brejk, izda xorta wahda ma setax jevitah u baqa' diehel fih. Il-konvenut ighid illi fil-mument tal-kollizzjoni hu kien diga' beda jilwi biex jikser ghal got-triq sekondarja. It-triq hija two-way. L-incident sehh filghodu ghal habta tat-tmienja u nofs u dak il-hin ix-xemx kienet mill-faccata taghhom. It-triq kienet xi ftit ghan-nizla u *white line* fin-nofs ma kienx hemm. Ighid illi qabel l-incident huwa ma kienx rah lil Charles Duncan.

Is-sewwieq tal-vettura assikurata mas-socjeta' attrici, Charles Duncan, ukoll jaqbel mad-dettalji mnizzla fid-dikjarzzjoni *front to rear* u anke jaqbel ma' l-iskizz maghmul mill-konvenut, Dokumenti ST1 u ST2. Fil-fatt huwa ighid illi d-dikjarazzjoni *front to rear* giet mimlija minnu stess dak in-nhar ta' l-incident. Ighid illi huwa kien qieghed isuq fit-triq principali wara l-vettura ta' Simon Tabone, meta f'mument minnhom huwa ra lil Tabone jisker lejn il-genb tat-triq. Haseb li kien ser jipparkeggja u ghalhekk mar biex jissorpassah. Hekk kif kien ser jaghmel dan, Tabone kiser sabiex idur ghal got-triq sekondarja fuq il-lemin tieghu u baqa' diehel fih ghaliex ma kienx hemm bizzejjed hin biex iwaqqaf. Ighid illi f'dak il-hin kien hemm xi ftit nida fit-triq ghaliex kien filghodu kmieni.

Wara l-incident huwa cempel lil *Malta Maritime Authority* stante illi l-vettura kienet proprjeta' taghha u ngiebu l-formoli biex jimtlew. Huwa assigura lill-konvenut li l-vettura kienet assikurata b'polza *fully comprehensive*. Mistoqsi jekk fil-mument ta' l-incident huwa kellu x-xemx f'ghajnejh, ighid illi ma jahsibx illi dan kien il-kaz. Ighid ukoll illi ma jiftakarx jekk l-konvenut kienx xeghel l-indicator. Jaqbel mal-fatt illi meta nizel mill-vettura tieghu huwa mar biex jiskuza ruhu mal-konvenut ghaliex f'dak il-hin hass illi hekk kien dover tieghu li jaghmel.

Il-konvenut ipproduca xhud iehor, certu George Briffa, illi madanakollu ma kienx prezenti fil-mument tal-habta u kien niezel wara peress illi kien cempillu l-konvenut li f'dak iz-zmien kien jahdem mieghu. Jikkonferma illi meta wasal fuq il-post huwa sab il-vetturi kif hemm indikat fid-

dokumenti MA11 u ST2. Ighid illi ghalkemm huwa taht l-impressjoni illi sema’ lil

Charles Duncan ighid illi fil-mument ta’ l-incident kellu x-xemx f’ghajnejh, pero’ ma huwiex cert jekk fil-fatt dan id-diskors inghadx.

Illi rigward l-*quantum* tad-danni, ghandu jigi rilevat illi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut fejn huwa kien qieghed jikkontesta l-ammont tad-danni, gew irtirati fis-seduta tal-14 ta’ Ottubru 2002.

Ikkunsidra:

Illi mill-atti processwali hareg car illi l-kollizzjoni sehhet meta l-konvenut kien ser jintenta idur mit-triq principali fejn kien qieghed isuq ghal go triq sekondarja u f’dak il-mument kif kien qieghed jaghmel din il-manuvra, il-vettura misjuqa minn Charles Duncan u li kienet gejja minn warajh baqghet diehla fih.

Illi madankollu hemm konfliggenza bejn il-verzjoni moghtija miz-zewg sewwieqa fuq id-dinamika ta’ l-istess incident u dana ghaliex filwaqt illi l-konvenut jikkontendi illi huwa segwa l-principji regolamentari tat-traffiku sabiex idur ghal got-triq sekondarja u cioe’ xeghel l-indicator u kiser biex idur, Charles Duncan jikkontendi illi hekk kif il-konvenut kien ser jaghmel din il-manuvra huwa ta indikazzjoni hazina tal-manuvra li kien ser jaghmel u kiser lejn il-genb tat-triq fuq ix-xellug tieghu qabel ma dar lejn il-lemin ghal gewwa it-triq sekondarja, tant illi huwa haseb li l-konvenut kien ser jipparkeggja.

Illi maghmula dawn il-kostatazzjonijiet, jirrizulta minghajr l-icken dubbju illi l-kawza prossima ta’ l-incident kienet il-manuvra li kien bi hsiebu jaghmel l-konvenut u cioe’ illi jikser minn triq principali ghal go triq sekondarja.  Illi l-gurisprudenza tal-qrati taghna kienet dejjem kostanti meta sahhqet illi meta sewwieq ikun ser jikser ghal go *side street*, mhuwiex bizzejjed illi jaghmel sinjal, izda irid jara wkoll illi dawk li qed isuqu warajh ikunu fehmu s-sinjal u rreagixxew ghalih. Huwa jrid jaccerta ruhu li ma hemm

hadd li jkun ser jaqilghu fil-mument li jkun ser jikser (ara sentenza Prim'Awla tal-Qorti Civili – 15 ta' Ottubru 1995: *Hugh P. Zammit noe. vs Raymond Debono*; *Middle Sea Insurance co. Ltd. vs Patrick Calleja* – Qorti tal-Magistrati 01.03.1999) Illi inoltre l-Artikolu 76 tal-Highway Code ighid: *"before changing direction, reduce speed and keep a watch on the traffic behind you by glancing in your mirror."*

Simon Tabone fix-xhieda tieghu ighid biss illi huwa xeghel l-indicator, ma jindikax jekk fil-fatt harisx fil-mirja tal-vettura tieghu biex jaccerta ruhu jekk kienux gejjin vetturi ohra minn warajh, anzi huwa jghid illi l-vettura ta' Duncan huwa qatt ma ra qabel l-impatt. Il-konvenut ighid illi Duncan habat fih ghaliex ma kienx rah peress illi kellu d-dawl tax-xemx f'ghajnejh.

Kieku t-Tribunal kellha temmen il-verzjoni tieghu u cioe' li fil-hin ta' l-incident kien hemm id-dawl tax-xemx gejja mill-faccata, allura huwa certament induna b'dan ghaliex kien niezel fl-istess direzzjoni tal-vettura ta' Duncan u messu qaghad attent doppjament illi l-vetturi li kienu gejjin minn warajh indunaw bl-iktar mod car bil-manuvra li kien ser jaghmel meta huwa kien jaf ben tajjeb illi s-sewwieqa gejjin minn warajh kellhom il-vizwali taghhom ostakolata minhabba fix-xemx. Izda, kif inghad, fl-ebda mument fix-xhieda tieghu l-konvenut ma jghid illi ra l-vettura ta' Charles Duncan, ghalkemm din kienet gejja minn warajh u fl-istess direzzjoni tieghu. *Altrocche,* huwa jghid testwalment: *"Qabel l-incident, jiena l-vettura ma kontx ilmahtha, semplicement smajt il-brejk u d-daqqa."*, u mhux kif isostni fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu illi huwa hares biex jara jekk kienux gejjin karozzi minn warajh! Illi ghalhekk hemm dubbju kemm il-konvenut accerta ruhu li ma kienx gej traffiku minn warajh qabel ma intenta idur ghal gos-*side street*. Inoltre lanqas l-osservazzjoni tal-konvenut illi Duncan kien qieghed isuq vicin tieghu u li ma kienx qieghed izomm id-distanzi regolamentari ma taghmel sens u dana in vista tal-fatt illi huwa stess jallega illi sema' brejk twil. Kieku stess kien minnu illi Duncan kien vicin tieghu hafna, allura ma kienx ikollu bizzejjed hin biex

izomm brejk u jisswervja kif xehed l-konvenut, sabiex jipprova jevita l-incident.

Illi t-Tribunal lanqas ma jista' jabqel ma dak illi isostni l-konvenut fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu illi Duncan kien b'xi mod imprudenti jew negligenti fis-sewqan tieghu ghaliex huwa kien niezel fid-dritt isuq dejjem fil-karreggjata tieghu. Il-velocita' o meno ta' Duncan (ghalkemm din qatt ma issemmiet fix-xhieda), bl-ebda mod ma tista' tfisser xi htija fuq dan is-sewwieq. Kif dejjem gie ritenut mill-qrati taghna kostantament il-velocita' wahedha ma hijiex bizzejjed biex tistabbilixxi htija. Inoltre mix-xhieda prodotta l-velocita' ta' Duncan qatt ma giet stabbilita u n-natura tal-hsarat rapportati fil-vetturi rispettivi jwassal lit-Tribunal biex jifhem illi Duncan ma kienx ghaddej b'xi speed eccessiv ghaliex kieku stess dan kien il-kaz, l-konsegwenzi ta' dan l-incident stradali kienu jkunu ferm iktar gravi.

Illi Charles Duncan min-naha tieghu jaghti verzjoni kemmxejn differenti tal-manuvra li ghamel il-konvenut. Huwa jghid illi l-konvenut kiser l-ewwel lejn il-genb tat-triq qabel ma dar biex jidhol gos-*side street*, tant illi huwa gie svijat u haseb li kien l-konvenut kien ser jipparkja. Illi kieku t-Tribunal kellu jemmen din il-verzjoni, iktar u iktar il-konvenut ikun certament jahti ghall-incident de quo u mhux kif isostni l-konvenut fin-nota tieghu illi din il-manuvra ta' sorpass minn naha ta' Duncan taghmlu b'xi mod negligenti fis-sewqan tieghu. F'din l-eventwalita' kien ikun negligenti u mprudenti l-konvenut li ta ndikazzjoni hazina lis-sewwieq li kien gej minn warajh tad-direzzjoni fejn kien bi hsiebu jigbed u minflok qabad u kiser minghajr ma accerta ruhu illi vetturi minn warajh ma kienux gejjin.

Illi finalment ghalkemm l-konvenut fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu jipprova jitfa' xi dell fuq Duncan minhabba l-fatt illi kien hu li mela d-dikjarazzjoni *front to rear*, li kien hu li nsista biex ma jingiebux pulizija fuq il-post ta' l-incident, dawn il-fatti ma jwasslux biex jitfghu xi htija fuq Duncan u dana in vista tal-fatt illi l-konvenut fix-xhieda tieghu mhux biss jaqbel mad-dikjarazzjoni *front to rear*, izda pproduca skizz maghmul minnu stess li

jikkombaccja perfettament mad-dikjarazzjoni *front to rear* mimilja minn Duncan ukoll. Il-konvenut accetta finalment illi ma jingiebux il-pulizija fuq il-post ta’ l-incident ghaliex qal illi huwa ma kellux hsara fil-vettura tieghu u kien Duncan li garrab iktar hsarat u mix-xhieda tieghu jidher illi huwa insista sabiex jingiebu l-pulizija fuq il-post minhabba l-hsarat konsiderevoli li kellu Duncan.

Ghalhekk finalment jinghad:

1. Illi l-konvenut fl-ebda mument ma accerta ruhu illi ma kienux gejjin vetturi minn warajh meta huwa gie biex jaghmel il-manuvra intenzjonata minnu, tant illi jghid illi l-karozza ta’ warajh fl-ebda mument ma raha, qabel l-incident.

2. Ma rrizultax mix-xhieda illi kien hemm xi ostakolu fit-triq li setghet b’xi mod effetwat il-vizwali tal-konvenut rigward it-traffiku gej minn warajh, bhal per ezempju xi liwja fit-triq.

3. L-indikazzjoni maghmula mill-konvenut billi xeghel l-indicator ma kienitx bizzejjed biex huwa jaghti pre-avviz lill-utenti tat-triq gejjin minn warajh illi huwa kien ser jikser ghal go*s-side street*, iktar u iktar meta jidher illi huwa kien jaf illi l-vizwali tas-sewwieqa ta’ warajh seta’ b’xi mod kien ostakolat minhabba x-xemx gejja mill-faccata.

4. Il-brejk mizmum minn Duncan jindika illi huwa pprova jiehu azzjoni mmedjata, izda din ma kienitx bizzejjed biex jigi evitat l-incident.

5. Il-velocita’ wahedha ta’ Duncan ma hijiex bizzejjed biex tistabilixxi xi forma ta’ htija fir-rigward tieghu.

6. Charles Duncan kien niezel fid-dritt isuq fil-karreggjata tieghu meta sab lill-konvenut qieghed jikser biex idur ghal go *side street*.

Illi t-Tribunal ihoss illi x-xhieda ta’ George Briffa ma titfa’ l-ebda dawl fuq id-dinamika ta’ l-incident stante illi huwa

wasal fuq il-post wara li kien sehh l-incident u meta l-vetturi kienu diga mahbuta.

Illi fir-rigward tal-quantum tad-danni, ma jirrizultax illi l-konvenut qieghed iressaq xi kontestazzjoni f'dan ir-rigward u inoltre huwa irtira z-zewg eccezzjonijiet sollevati minnu rigward l-ammont tad-danni reklamati.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara illi l-konvenut Simon Tabone kien unikament responsabbli ghall-incident stradali li sehh fis-6 ta' April 2000 bejn il-vettura misjuqa minn Charles Duncan, proprjeta' ta' l-*Malta Maritime Authority* u l-vettura misjuqa mill-konvenut u kwindi jghaddi biex filwaqt illi jirrespingi l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' erba' mija u hamsa u sittin liri maltin u sebgha centezmi (Lm465.07c) bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Ottubru 2001 u dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**

---------------------------------TMIEM---------------------------------